# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 8**

**Avviz numru 1413/99mm**

**DMC Company Limited**

**Vs**

**Canadian Enterprises Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-30 ta' Settembru, 1999, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma kapitali ta' mitejn, disgha u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm289.80) skond ma kif jidher minn fattura bid-data ta' l-24 ta' Frar, 1999, (kopja annessa u mmarkata Dok "A") in konnessjoni ma' xogholijiet varji ta' tiswija ta' karozza u spejjez relatati.

Bl-ispejjez tal-prezentata ta' l-Avviz, ta' l-ittra nterpellatorja tat-30 ta' Gunju, 1999, (kopja annessa u mmarkata Dok. "B"), ta' l-ittra ufficjali

tat-8 ta' Lulju, 1999, (kopja annessa u mmarkata Dok. "C") u bl-ispejjez l-ohra kollha in konnessjoni ma' din il-kawza, flimkien ma' l-imghaxijiet, ilkoll sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda stante li s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex taghti lis-socjeta' attrici u dan minhabba li x-xogholijiet li s-socjeta' attrici ezegwit fuq il-karozza tas-socjeta' konvenuta ma gewx ezegwiti skond is-sengha u l-arti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Novembru, 1999, fejn innominat lit-tekniku Philip Zammit sabiex jirrelata dwar it-talbiet tas-socjeta' attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta;

Rat din ir-relazzjoni pprezentata fid-19 ta' Frar, 2002, u mahlufa fit-23 ta' Mejju, 2002;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi Kenneth Azzopardi ghan-nom tas-socjeta' konvenuta ha l-karozza tieghu tal-marka Simca Matra biex tigi msewwija ghand is-socjeta' attrici li ghaliha kien qieghed jidher id-

direttur Jonathan Diamantino. It-tiswijiet kienu jinvolvu l-*gear box* u l-i*steering*.

Ghal habta tal-bidu ta' Dicembru, 1998, it-tiswijiet kienu lesti, pero ghal xi raguni Kenneth Azzopardi gabar il-karozza tieghu fl-24 ta' Marzu, 1999. Ghad illi huwa ghamel *cheque* f'isem is-socjeta' attrici ghal hlas tat-tiswijiet, dan ic-*cheque* gie *refered to drawer*. Ghalhekk is-socjeta' attrici kienet kostretta taghmel din il-kawza meta l-pagament baqa' ma giex affettwat.

Is-socjeta' konvenuta qeda tghid illi x-xogholijiet illi saru ma kienux skond l-arti u is-sengha, il-ghaliex minkejja kollox, il-karozza xorta rrizultala hsarat fl-i*steerinrg rack* u fil-*gear box*.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghar-relazzjoni tal-perit tekniku, meta jghid illi wara li ghamel l-access u ha l-konstatazzjonijiet kollha necessarji wasal ghall-konkluzjoni illi x-xogholijiet ta' tiswijiet u riparazzjoni li saru mis-socjeta' attrici fuq il-karozza tas-socjeta' konvenuta saru skond is-sengha u l-arti.

Ghal aktar spjegazzjoni, il-Qorti taghmel referenza ghal parti konkluzjonali tar-relazzjoni ta' l-espert tekniku fejn spjega fid-dettal ir-ragunijiet il-ghala l-karozza zviluppawlha l-hsarat u kif ghal dawn ma kienux responsabbli s-socjeta' attrici.

Irrefera wkoll ghax-xoghol illi sar fuq it-tapezzerija u fuq il-*body underseal*, liema xoghol ma kienx ikkontestat mis-socjeta' konvenuta. Mill-bqija it-tekniku kkonkluda illi l-ammont ta' mitejn u disgha u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm289.80) ghal

xoghol u spejjez illi saru fuq il-vettura tal-marka Simca Matra, proprejta' tas-socjeta' konvenuta u kif mitlub fl-Avviz ghandhom jigu milqugha.

Il-Qorti ma tara l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddepartixxi mill-konkluzjonijiet illi wasal ghalihom il-perit tekniku.  Il-Qorti ghalhekk filwaqt illi taghmel taghha l-istess ragunament taqbel mal-konkluzjonijiet raggunti.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallasha s-somma ta' mitejn, disgha u tmenin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm289.80) skond ma jidher mill-fattura bid-data ta' l-24 ta' Frar, 1999, in konnessjoni ma' xogholijiet varji ta' tiswija ta' karozza proprjeta' tas-socjeta' konvenuta u spejjez relatati.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Deputat Registratur